# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d

## Seduta ta' nhar it-Tlieta 20 ta' Ottubru, 2015

**Talba Nru: 525/15 DMA**

**Arthur Castillo (ID. 222862M) bhala Direttur tas-Socjeta' Vascas Enterprises Ltd**

**Vs**

**Duncan Buttigieg (ID 244783M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-30 ta' Gunju, 2015 fejn l-attur talab:

1. Illi permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-13 ta' Marzu, 2013, l-intimat, flimkien ma' Jennifer Galea, kien ikkundannat ihallas is-somma ta' elfejn mija u disgha u hamsin ewo u tlieta u tletin centezmu (2,159.33);

2. Illi l-imsemmija Jennifer Galea halest sehemha mis-somma u cioe' halset elf, disgha u sebghin ewro u sitta u sittin centezmu (€1,079.66) u dan kif ser ikun ippruvat waqt is-smiegh u trattazzjoni ta' din il-kawza;
3. Illi l-intimat baqa' qatt ma hallas dak minnu dovut kif kien ordnat jaghmel anke permezz tas-sentenza msemmija, u minkejja li kien interpellat diversi drabi biex jaghmel l-istess.

Ghalhekk, is-socjeta' attrici titlob lil dan it-Tribunal sabiex tikkundanna lill-intimat ihallas is-somma ta' elf u disgha u sebghin ewro u sitta u sittin centezmu (€1,079.66).

Bl-ispejjez u bl-imghax mid-29 t'Ottubru, 2007.

Il-konvenut debitament notifikat baqa` ma deherx u lanqas ipprezenta risposta ghat-talba mitluba kontrih.

Tela' jixhed u jikkonferma bil-Gurament Arthur Castillo u jikkonfemra li l-ammont ta' elf u disgha u sebghin ewro u sitta u sittin centezmu (€1,079.66) ghadu dovut fl-intier tieghu.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-ammont mitlub huwa dovut. Ghalhekk jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanna lil konvenut ihallas l-ammont ta' elf u disgha u sebghin ewro u sitta u sittin centezmu (€1,079.66) bl-imghax legali sa minn Marzu, 2013  sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez ikunu a karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**